# MIN HU L-EZORCISTA?
## Minn Fr.Franco Fenech Ofm Cap.

Zgur li hafna jaghmlu dawn il-mistoqsijiet: min hu l-ezorcista? X'jaghmel l-ezorcista? U ghalhekk f'dan l-artiklu se nipprova inwiegeb ghal dawn id-domandi biex aktar niccaraw l-idejat taghna fuq il-persuna tal-ezorcista.

Fl-Evangelju skond San Mattew insibu silta li tghid: "Gesu' hares lejn il-folol u gietu hasra minnhom ….u qaghad jghallimhom hafna hwejjeg". Din is-silta turina li Gesu juri l-qawwa tieghu, il-ministeru pastorali tieghu propju bix-xandir tal-bxara t-tajba. Mhux l-ewwel darba li fil-Vangeli insibu lil Gesu' jghallem u n-nies tistaghgeb bil-Kelma tieghu. Hu ovvju li meta nzommu f'qalbna dawn is-siltiet nindunaw kemm il-kelma ta' Gesu' Kristu hija ghalina ahbar tal-Imhabba tremenda ta' Alla ghalina l-bnedmin. Flimkien mal-Kelma, Gesu' jaghti wkoll is-sinjali: "Gesu' ghadda jaghmel il-gid u jfejjaq u jehles lil dawk li kienu mahkuma mix-xitan". Il-bniedem li gie f'kuntatt ma Gesu' Kristu, seta' jaghmel esperjenza tal-Imhabba t'Alla li dehret fi Kristu.

Ghalhekk l-ezorcista hu is-sacerdot li jevangelizza ghax hu ikompli jaghti l-ahbar it-tajba ta' Gesu' Kristu. Fuq fommu ghandu il-Kelma ta' Gesu' li hi moghtija bil-hlewwa imma bl-awtorita'. L-ezorcista hu l-bniedem imlaqqam bil-kelma u jghallem il-Vangelu shih imma jinsisti fuq aspett partikolari cioe' dak li jghid San Gwann fl-ewwel ittra tieghu: "Gesu' gie biex jeqred l-opra tax-xitan". Ghalhekk fil-hidma pastorali tieghu, l-ezorcista bhala evangelizzatur, hu msejjah biex ir-rivelazzjoni jaghtiha shiha u jhabbar li Gesu' gie biex jeqred l-opra tax-xitan.

Illum hawn bzonn ta' hafna taghlim u evangelizzazzjoni ghax filwaqt li qed nghixu f'kultura tal-okkult, hafna nnsara ma ghandhomx taghlim fuq il-hazen fil-kliem jew atti li jaghmlu. Ghalhekk ir-role tal-ezorcista hu li jdawwall il-hajja tan-nisrani fuq din ir-realta'.

L-ezorcista hu evangelizzatur, ixandar il-bxara t-tajba, jitkellem fuq Gesu' Kristu li gie jeqred l-opra tax-xitan u jipprezenta lil Gesu' li hu s-sens veru tal-hajja. Dan jaghmlu specjalment fil-laqghat personali mal-individwi. Il-ministeru tal-ezorcista, anki ma persuni li forsi ma ghandhomx bzonn ta' ezorcismu, hu wiehed mill-isbah forom ta' evangelizzazzjoni li l-ezorcista jasal biex jaghmel.

Hu mportanti li l-ezorcista jkun bniedem ta' dixxerniment ghax kif naraw fl-aktar ezorcismu solenni ta' Gesu Kristu li hu dak tal-imxajtan ta' Gerasa, u il-kaz tal-mara li kienet ilha marbuta mix-xitan ghal zmien twil, il-mard fiziku jista' jkollu kawza spiritwali.

Ir-rowl tal-ezorcista hu li jkun kapaci, bil-ghajnuna tal-Ispirtu s-Santu, jaghmel id-dixxerniment u jara xi jkollha bzonn il-persuna. Irid ikollu kapacita' li jaghraf il-persuna x'tinhtieg. Jaghraf jekk dak li ghaddejja minnu il-persuna ghandux kawza naturali jew inkella psikologika jew gej minn kawza spiritwali. Generalment, ghalhekk, l-ezorcista hu l-aktar persuna li jkun dahal fil-hajja tal-individwu.

L-ezorcista jrid jistaqsi: x'ghandha bzonn din il-Persuna? Forsi xi ftit informazzjoni? Ghandha bzonn direzzjoni jew akkumpanjament spiritwali? Ghandha bzonn ghajnuna psikologika? Ghandha bzonn '*inner healing*'? Ghandha bzonn '*deliverance*' jew talba ta' ezorcismu? Mela l-ezorcista hemm bzonn li jiddixxerni, hafna drabi anki bl-ghajnuna ta' haddiehor, x'inhi l-kawza tas-sintomi li ghandha l-persuna u joffri ghajnuna adegwata. Anki meta ghandek kasi cari trid tistaqsi: hemm spirtu ta' okkult? Trawma? Ghax ghalkemm kas jista' jkun jixbah kas iehor imma kull kaz hu dejjem differenti!

Gesu' jaghti missjoni cara lill-appostli meta jghidilhom: "morru fid-dinja kollha…. f'Ismi jkeccu x-xjaten". Gesu' jaghti s-setgha lill-Knisja! Sas-snin 60 (qabel il-koncilju) kull sacerdot kien ikollu istituzzjoni tal-ezorcistat u malli kien jircevih, l-isqof kien inehhihulu mill-ewwel. Kien wiehed mill-ministeri li jissejhu 'minuri'. Forsi ta min wiehed jistaqsi: Min jaf wasalx iz-zmien li jerga jigi istitwit?!
Nafu mill-istorja tal-knisja illi l-knisja dehrilha li jkun ahjar li dan il-kompitu jigi riservat ghas-sacerdot biex tevita l-abbuzi. L-Isqof, ghalhekk, jaghti mandat lis-sacerdot li bih jaghtih il-permezz jezercita dan il-ministeru. F'dan ir-rwol l-ezorcista ghandu jikkoltiva l-fidi f'din is-setgha u awtorita' ta' Gesu' Kristu. Irid izomm shih il-fidi li hu Gesu' innifsu, permezz tal-ezorcista u tal-knisja, li jrid johrog rebbieh, anzi huwa diga rebbieh. Hi awtorita' divina. Hafna drabi l-ezorcista jigi attakkat fil-fidi f'din l-awtorita'!! Ghalhekk l-ezorcista fir-rowl tieghu ta' qaddej ta' Gesu' irid jitlob ghal din il-fidi li ssahhah l-awtorita' tieghu.

L-ezorcista irid izomm f'mohhu li l-ministeru tieghu mhux gej biss mill-Isqof jew mill-Knisja, imma minn Alla nnifsu.  Il-ministeru tieghu hu sejha specifika biex izomm prezenti ir-rebha ta' Gesu' Kristu fuq ix-xitan.

Fil-missjoni ta' Evangelizzazzjoni, Gesu' baghat dejjem id-dixxipli tieghu tnejn tnejn.  Gesu ma riedx li l-evangelizzazzjoni ssir b'mod individwali.  Minn dan nifhmu li filwaqt li r-rowl tal-ezorcista hu li jwassal ir-rebha ta Gesu' hu ma jistax jahdem wahdu.  Dan ghal raguni tejologica u anke prattika.  Il-ministeru tal-ezorcista mhuwiex tieghu personalment u ghalhekk irid jidher li hu tal-Knisja u ta' Gesu' Kristu.  Fil-Knisja ghandna ninsistu li l-ezorcista ma jistax jahdem wahdu ghax hu ministru tal-Knisja.  Hi l-Knisja li trid tidher li qed tahdem fil-ministeru tieghu.  Il-ministeru tal-helsien hu verament espressjoni tal-Knisja.  .
Pawlu VI f'wiehed mid-diskorsi tieghu qal: 'oholqu ministeri fi hdan il-knisja'.   Perezempju il-ministeru tal-ministri straordinarji tat-tqarbin.  Ghaliex il-knisja ma tipproponix li jkun hemm ministeri anki fi hdan l-ezorcistat?

L-ezorcista jippartecipa fil-mewt u l-qawmien ta' Gesu' Kristu.  U l-mewt hi difficli!  Mill-ezorcista jintalab hafna sabar, moghdrija, solitudni, fittagni u insistenza tan-nies ecc..  L-ezorcista fir-rwol tieghu, hu bniedem li jrid imut ghalih innifsu fil-veru sens tal-kelma.  Kultant jitlaq xoghol li jhoss li hu aktar prezzjuz jew ghal qalbu.  Imma mbaghad jippartecipa fil-qawmien ta' Gesu' Kristu ghax jara persuna ohra mehlusa.

Il-knisja giet aktar konxja ta dan il-ministeru u kemm hu posittiv. Fil-fatt anki il-Knisja f'Malta waqqfet kummissjoni fl-1995 biex tistudja dan il-fenomenu go pajjizna, taghti pariri pastorali lil Arcisqof u tahdem ma nies li nqabdu f'dan ic-cirku tal-okkult jew satanizmu filwaqt li tinsisti fuq edukazzjoni u evangelizzazzjoni.

Forsi wiehed jistaqsi: x'inhi d-differenza bejn '*deliverance*' u ezorcismu?
Fid-*deliverance*: wiehed jevita djalogu max-xitan.  Fid-*deliverance*, min ikun qed jitlob  ma jindirizzax direttament lix-xitan imma jindirizza direttament lil Gesu' Kristu biex HU jidhol  direttament fil-glieda max-xitan.  Filwaqt li fl-ezorcismu, l-ezorcista jindirizza direttament lix-xitan bl-awtorita' moghtija lilu minn Gesu' Kristu permezz tal-Knisja tieghu.

L-ezorcista jispicca ix-xoghol mal-persuna meta l-persuna tasal biex tichad ghax-xitan u allura qed tikber il-fidi tal-persuna ghax tara r-rebha ta Gesu' Kristu.